# Qorti tal-Appell Kriminali

**Onor. Imhallef Dr. Antonio Mizzi LL.D., Mag. Juris (Eu Law)**

**Appell Numru: 351/2015**

Il-Pulizija

(Spettur Victor Aquilina)

vs

**Matthew Mifsud**

iben George, imwieled Pieta', fis-17 ta' Ottubru, 1983, detentur tal-karta ta' l-identita' numru 524483(M)

Illum, 15 ta' Novembru, 2017

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant Matthew Mifsud quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta):

Talli fis-27 ta' Ottubru, 2007 u fit-tlett xhur ta' qabel:

a) Ipproduca, biegh jew xort'ohra traffika fir-raza mehuda mill-pjanta *cannabis* jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bhala bazi din ir-raza u dan bi ksur tal-artikolu 8(b) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

b) Kellu fil-pussess tieghu r-raza mehuda mill-pjanta *cannabis* jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bhala bazi din ir-raza u dan bi ksur tal-artikolu 8(a) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta, liema droga nstabet f'tali cirkostanzi li jindikaw li ma kinitx ghall-uzu esklussiv tieghu;

U aktar talli f'dawn il-Gzejjer, fis-27 ta' Ottubru, 2007:

c) Kellu fil-pussess tieghu l-pjanta *cannabis* kollha jew bicca minnha u an bi ksur tal-artikolu 8(d) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

d) Kellu fil-pussess tieghu medicina psiktropika u ristretta (LSD) minghajr awtorizzazzjoni specjali bil-miktub mis-Supretendent tas-Sahha Pubblika, bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u il-Professjonijiet li ghandhom x'jaqsmu maghha, Kap. 31 tal-Ligijiet ta' Malta u r-Regolamenti dwar il-Kontroll tal-Medicini, Avviz Legali 22 tal-1985 kif emendati;

e) Kellu fil-pussess tieghu medicina psikotropika u specifikata (*amphetamine*) meta ma kienx awtorizzat kif imiss, bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l- Professjonijiet li ghandhom x'jaqsmu maghha, Kap. 31 tal-Ligijiet ta' Malta u r-Regolamenti dwar il-Kontroll tal-Medicini, Avviz Legali 22 tal-1985 kif emendati.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tat-12 ta' Gunju, 2015 fejn il-Qorti wara li rat l-artikoli 8(a), 8(b), 8(d), 22(1)(a) u 22(2)(b)(i) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta, ir-Regolamenti 4 u 9 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 101.02, l-artikoli 4(1) u (2) tal-Kap. 537 tal-Ligijiet ta' Malta, l-artikoli 40A, 120A(1)(a) u 120(2)(b)(ii) tal-Kap. 31 u r-Regolamenti 3(1) u 5(1) tal-Avviz Legali 22 ta' l-1985 u l-artikolu 17(f) u (h) tal-Kap. 9, sabet lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu u kkundannatu fir-rigward tal-imputazzjonijiet (a), (b) u (d) (bl-imputazzjoni (b) assorbita fl-imputazzjoni (a) kif fuq inghad) ghal piena ta' ghaxar (10) xhur prigunerija effettiva u multa ta' disa' mija u hamsin Euro (€950) li, bl-applikazzjoni tal-Artikolu 14(2) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta tista' tithallas b'rati mensili u konsekuttivi ta' hamsin Euro (€50), bl-ewwel pagament isir fi zmien xahar mid-data li fiha l-hati jiskonta l-piena karcerarja li

qeghda tigi erogata b'din is-sentenza u ghal dan il-ghan, ir-Registratur ghandu jikkonferma din id-data mal-awtoritajiet karcerarji. B'dan illi jekk il-hati jonqos li jhallas pagament wiehed, il-bilanc jigi dovut minnufih u jigi konvertit fi prigunerija skont il-ligi. Fir-rigward tal-imputazzjonijiet (c) u (e), tikkundanna lill-hati ghal penali ta' mija u hamsa u ghoxrin Euro (€125).

Ikkundannat lill-hati ghall-hlas tal-ispejjez tal-espert mahtur f'dawn il-proceduri, ai termini tal-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, ossia l-ispejjez konnessi mar-relazzjoni tal-espert Dr. Martin Bajada, ammontanti ghas-somma ta' tliet mija, sitta u tmenin Euro u tlettax-il centezmu (€386.13), liema somma ghandha tithallas mill-hati fi zmien sena mil-lum.

Ordnat d-distruzzjoni tad-droga, esebita bhala Dokument VA2, hekk kif din is-sentenza tghaddi in gudikat u dan taht il-harsien tar-Registratur li ghandu jirredigi process-verbal li jiddokumenta l-procedura tad-distruzzjoni, liema dokument ghandu jigi nserit fl-atti ta' din il-kawza mhux aktar tard minn hmistax-il jum minn tali distruzzjoni.

Ordnat wkoll il-konfiska tal-*mobile* ezebit bhala Dok. VA1, ai termini tal-artikolu 22(2) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat ir-rikors tal-appellant Matthew Mifsud ipprezentat fit-23 ta' Gunju, 2015 fejn talab li din il-Qorti joghgobha tirriforma s-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali moghtija nhar it-12 ta' Gunju, 2015 f'l-ismijiet premessi billi tikkonfermaha f'dik il-parti fejn sabitu hati tal-akkuzi kollha migjuba fil-konfront tieghu, thassarha f'dik il-parti fejn ikkundannatu ghal terminu ta' ghaxar (10) xhur prigunerija oltre l-hlas ta' multa ta' disa' mija u hamsin Euro (€950), u l-hlasijiet tal-ispejjez konnessi mal-hlasijiet ta' esperti ai termini tal-artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, fl-ammont ta' tlett mija u tlieta u tmenin Ewro, u tlettax-il centezmu (€386.13), u konsegwentement tipprovdi ghal piena aktar mita u idoneja fic-cirkostanzi.

Rat l-aggravji tal-appellant u cioe':-

Illi mill-ewwel ser jinghad li l-imputat mhuwiex ser jikkontesta l-provi migbura jew il-konkluzjonijiet li waslet ghalihom l-Ewwel Onorabbli Qorti abbazi tal-istess provi u ser ikun qieghed jillimita ruhu biss ghal sottomisjonijiet dwar il-piena erogata, li fic-cirkostanzi, l-esponent ihoss li kienet wahda kemmxejn eccessiva.

Illi preliminarjament ghandu jinghad illi l-akkuzi odjerni jirrisalu ghal xejn anqas minn tmien snin ilu u li tul dawn il-proceduri l-appellant ikkopera bis-shih u attenda ghall-udjenzi tal-Qorti meta hekk kien imsejjah sabiex jaghmel.

Illi ghalhekk certament illi dan id-delungar zgur li mhuwiex attribwibbli ghal xi kappricci zejda li ghamel l-appellant odjern.

Illi tul dawn l-ahhar snin ghalhekk l-imputat gharaf johrog sewwa mit-triq illi kien ghoddu sejjer jaqbad lura fis-sena 2007 u proprju hekk kif tixhed il-fedina penali tieghu, huwa rega qaqbad it-triq tal-bzulija u x-xoghol ‘lil hinn mid-droga u dawk il-konsegwenzi sfortunati kollha li ggib maghha.

Illi dana jista` facilment jigi kkostatat minn ezami tal-fedina penali tal-imputat fejn jirrizulta li din tikkonsisti biss f’kundanna wahda dwar bejgh ta’ minerali minghajr l-licenzja mehtiega u kundanna ohra dwar reati kontravvenzjonali. Il-fedina penali tal-appellant, kif aggornata sa Gunju 2014, baqghet invarjata.

Illi ghalhekk l-imputat kompla b’l-izvilupp tal-hajja tieghu u llum ghandu familja, huwa mizzewweg u ghandu wkoll zewgt itfal; tifel ta’ hames snin, u tifla ta’ tlett snin.

Illi jinghad ukoll li l-imputat huwa wkoll impjegat bhala *supervisor* mal-kumpanija Valhmor Borg Import and Export Limited u ilu hekk impjegat ghal dawn l-ahhar hames snin fejn ghandu relazzjonijiet tajba hafna ma dawk li jimpjegawh.

Illi min-naha l-ohra l-imputat jifhem sewwa c-cirkostanzi li sab ruhu fihom illum, u jifhem u japprezza wkoll is-serjeta` tal-agir kriminuz tieghu. Kien proprju ghalhekk illi huwa gharaf

johrog minn dik il-hajja li kien ghoddu qabad fi zmien xejn felici ghalih u llum, ma ghandu xejn aktar fuq mohhu hlief l-impjieg u l-familja tieghu li tant ghandu ghal qalbu.

Illi fic-cirkostanzi, filwaqt illi l-appellant japprezza il-htiega illi r-reati li gew kommessi u pprovati, issa jigu wkoll puniti, min-naha l-ohra il-gustizzja titlob illi l-piena erogata tkun wahda li tkun taghmel sens fiz-zmien li tinaghta u li sservi sabiex tinkoraggixxi lill-appellant ikompli jipprovdi ghal familja tieghu, wara li huwa jservi terminu ta’ prigunerija skont il-ligi.

Illi f’dan is-sens jinghad illi l-Qrati kellhom opportunitajiet varji sabiex jabbraccjaw l-aspett riparattiv, aktar milli dak punittiv meta gew biex jittrattaw ma persuni li jkunu hargu kompletament mill-hajja li tkun waslithom sal-ghatba tal-Qorti.

Illi dan jinghad fid-dawl tal-fatt li ma jidhirx li l-imputat kien ilu ghaddej b’xi intrapriza enormi mill-bejgh tad-droga u li ghad li r-reati kommessi huma wkoll serji, zgur li l-ammonti msemmija f’dawn il-proceduri mhumiex ser jallarmaw lil dina l-Onorabbli Qorti.

Illi f’dawn il-proceduri wkoll gie redatt social enquiry report lura fl-2011. Ghalkemm ic-cirkostanzi fil-hajja tal-appellant ftit li xejn inbidlu, jigi sottomess illi l-appellant ihoss illi l-ufficjal inkarigat mill-istess kaz ghandu mill-gdid jirrelata sabiex b’hekk il-Qorti tkun f’posizzjoni ahjar meta tigi biex titratta mal-appelllant rigward il-piena.

Illi tenut kont dan kollu, partikolarment l-istat ta’ awtodixxiplina u bzulija li jirregolaw il-hajja tal-appellant illum, jigi umilment sottomess illi l-piena erogata ghandha tkun wahda li tkun eqreb tal-minimu preskritt bil-ligi.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant ezebita mill-prosekuzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Ikkunsidrat,

Illi dan l-appell jirrigwarda biss il-piena erogata mill-ewwel Qorti.

Illi mill-bidu nett jinghat li l-piena erogata mill-ewwel Qorti hi fil-parametri tal-ligi u ftit hemm xi tghid aktar.

Illi dan il-kaz imur lura ghas-sena 2007, jigifieri ghaxar snin ilu u minn dak in-nhar sal-lum l-appellant gab ruhu sew, ghandu mpieg stabbli u qed irabbi familja.

Illi f'dawn ic-cirkostanzi din il-Qorti hi tal-fehma li tnaqqis fil-piena karcerarja ikun opportun.

Ghaldaqstant, din il-Qorti tilqa l-appell ta' Matthew Mifsud dwar il-piena ta' prigunerija biss. Thassar u tirrevoka l-piena nflitta u minflok piena karcerarja ta' ghaxar xhur tikkundanna lill-appellant ghal piena karcerarja ta' sitt xhur. Tikkonferma l-kumplament tas-sentenza ta' l-ewwel Qorti.